## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 133/2016: **ALFRED MIFSUD (KI. 800051M) V. DAPHNE CARUANA GALIZIA U B'DIGRIET TAL-11 TA' JANNAR 2018 L-ATTI ĠEW TRASFUŻI F'ISEM L-EREDI TAGĦHA PETER CARUANA GALIZIA (KI. 30056M), MATTHEW CARUANA GALIZIA (KI. 130886M), ANDREW CARUANA GALIZIA (KI. 384287M) U PAUL CARUANA GALIZIA (KI. 8989M) U B'NOTA TAL-11 TA' SETTEMBRU 2018 L-ISTESS PETER CARUANA GALIZIA ASSUMA L-ATTI TAL-KAWŻA F'ISMU MINFLOK L-ASSENTI MATTHEW CARUANA GALIZIA, ANDREW CARUANA GALIZIA U PAUL CARUANA GALIZIA**

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 - FAIR COMMENT – META D-DIFAMATUR IMUT FIL-MORI TAL-KAWŻA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Frar 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Alfred Mifsud ("ir-rikorrent") ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2016 li permezz tiegħu talab lil Daphne Caruana Galizia ("l-intimata") tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti li:

thallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti, tiddetermina ai termini ta' l-Att dwar l-Istampa, bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta, nhar il-gimgha 10 ta' Gunju 2016 u fil-granet ta' wara fuq il-blogg 'Running Commentary – Daphne Caruana Galizia's Notebook, li ghalih inti responsabbli u mmexxi minnek bl-artikolu **Breaking/Central Bank Governor-designate took large amounts of cash from major supplier when he was Mid Med Bank chairman** pubblikat minnek, tajt malafama lill-istess attur b'allegazzjonijiet foloz u malafamanti li meta kien chairman tal-Mid Med Bank, huwa ircieva flus bi hlas in konnessjoni max-xiri ta' sistema tal-software tal-bank, u dan bil-ghan li ttellfu jew tnaqqas ir-reputazzjoni tieghu, u biex taghmillu hsara, kif jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza. Kopja tal-pubblikazzjoni qed tigi esebita bhala Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fl-1 ta' Marzu 2017[1] li permezz tagħha rrispondiet kif ġej:

**Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda:**

**Billi l-pubblikazzjoni tikkontjeni kummenti li ammontaw ghall-*fair comment* bazati fuq fatti li huma sostanzjalment korretti u ghalhekk mhux libelluzi.**

wara li rat li b 'digriet tal-11 ta' Jannar 2018 il-Qorti laqgħet it-talba tal-eredi tal-intimata defunta, ċioe ta' L-Avukat Dr. Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia sabiex il-ġudizzju jiġi trasfuż f'isimhom wara l-assassinju tal-intimata[2],

wara li rat li permezz ta' nota intavolata fil-11 ta' Settembru 2018, l-Avukat Dr. Peter Caruana Galizia ("l-intimat proprio et nomine") assuma l-atti tal-kawża għan-nom u fl-interess ta' wliedu Matthew, Andrew u Paul aħwa Caruana Galizia stante illi dawn huma kollha residenti barra minn Malta[3],

wara li semgħet ix-xhieda u/jew fejn applikabbli qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu minn din il-Qorti diversement presjeduta, ċioe ta':

- Daphne Caruana Galizia:
    - 19 ta' Ġunju 2017[4]

[1] Fol. 19
[2] Fol. 73
[3] Fol. 107-110
[4] Fol. 24-40

- Alfred Mifsud:
    - 19 ta' Ġunju 2017[5],
    - 12 ta' Ottubru 2017[6]
    - 14 ta' Ottubru 2019[7]

- Alexander Cassar:
    - 19 ta' Ġunju 2017 (affidavit)[8],

- Robert Patrick Scott:
    - 3 ta' Mejju 2018[9]

- Anthony Vella Gregory:
    - 3 ta' Mejju 2018[10]

- Spettur Raymond Aquilina:
    - 18 ta' Ġunju 2018[11]

- Spettur Yvonne Farrugia:
    - 14 ta' Marzu 2019[12]

- Anna Zelbst:
    - 20 ta' Jannar2020[13]
    - 28 ta' Settembru 2020[14]
    - 2 ta' Novembru 2020[15]
    - 16 ta' Novembru 2020[16]
    - 25 ta' Jannar 2021[17]

- Charmaine Psaila Ragi:

[5] Fol. 41-54
[6] Fol. 59-66
[7] Fol. 137-140
[8] Fol. 81-82
[9] Fol. 83-90
[10] Fol. 91-93
[11] Fol. 95-103
[12] Fol. 121-133
[13] Fol. 144-148
[14] Fol. 152-155
[15] Fol. 162-170
[16] Fol. 199-200
[17] Fol. 203A-203B

- 2 ta' Novembru 2020[18]
- 16 ta' Novembru 2020[19]

- Dr. Peter Caruana Galizia:
  - 21 ta' Ġunju 2021[20]

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Pawlu Lia[21],
- tal-intimat proprio et nomine, mill-Avukat Dr. Joseph Zammit Maempel[22],

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Liġi applikabbli

1. Għall-finijiet ta' preċiżjoni jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, ċioe' sentejn wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll 'l-Att dwar l-Istampa' (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

   > « 25(2). … l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar »

2. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna. Il-Qorti hija konxja illi dan ifisser fost affarijiet oħra illi l-intimat għandu inqas protezzjoni legali peress illi l-Att dwar il-Midja u l-Malafama joffri difiżi ġodda fosthom id-difiża tal-opinjoni onesta' u jwessa difiżi eżistenti bħall-*exceptio veritatis*.

---

[18] Fol. 159-161
[19] Fol. 194-200
[20] Fol. 208-209
[21] Fol. 215-221
[22] Fol. 232-237

3. F'dan ir-rigward, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-avukat tal-intimat proprio et nomine sostna illi:

> "Fil-mori ta' din il-kawża, il-liġi li tirregola l-malafama ġiet mibdula u fil-liġi l-ġdida, cioe' Kap. 579 ddaħħlet id-difiza tal-opinjoni onesta (Art. 4(2)) ristretta għal certi persuni, fosthom dwar persuna li "*hija kandidat għall-kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jirreferu għall-onesta', abbilta jew kompetenza tagħha, sabiex tokkupa din il-kariga*." (Art 4(5)(b)); difiża ġdida li ma kienitx tezisti taħt il-liġi precedenti (il-Kap. 248, illum abbrogat) u li minnha għandha tibbenefika l-intimata."

4. Pero' kif ġa ngħad, ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579, l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) għandu jibqa' japplika stante illi din il-kawża kienet għadha pendenti fiż-żmien li daħlet fis-seħħ il-liġi l-ġdida. Għalhekk is-sottomissjoni tal-abbli avukat difensur tal-intimati illi dawn għandhom jibbenefikaw mid-difiża tal-opinjoni onesta taħt il-liġi l-ġdida ma' ssibx soljev u ma' tistax tintlaqa.

5. II-Qorti trid timxi mal-liġi li tapplika għall-fatti li għandha quddiemha u huwa dak li sejra tagħmel f'din il-kawża. Il-Qorti hija konxja ukoll u konfortata bil-fatt illi din il-kawża hija waħda minn numru żgħir ħafna ta' kawżi pendenti li ġew intavolati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap. 579 u li għadhom qed jistennew eżitu finali. Wara li jiġu disposti b'mod definittiv tali sentenzi, il-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta li għal numru kbar ta' snin serva l-iskop tiegħu, ikun uffiċjalment ikkonsenjat għall-arkivji tal-istorja legali.

**Il-mertu tal-kawża**

6. Il-kawża tikkonċerna *blog post* ippubblikat mill-intimata nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2016 fuq il-*blog* tagħha 'Running Commentary – Daphne Caruana Galizia' Notebook" bit-titolu "**BREAKING / Central Bank Governer-designate took large amounts of cash from major supplier when he was Mid-Med Bank chairman.**"

7. Sussegwentement ġew ippubblikati *blog posts* oħra fuq l-istess suġġett mill-intimata fosthom dak intitolat "**Central Bank Governor- designate laundered portion of cash-bribes through third-party bank accounts**" li ġie ippubblikat fil-15 ta' Ġunju 2016[23] u ieħor bit-titolu "**Fraud, corruption and money-laundering allegations make Alfred Mifsud's current position untenable, Opposition deputy leader states**"[24] ippubblikat fit-23 ta' Ġunju 2016. Madanakollu l-pubblikazzjoni lamentata hija dik li tikkonċerna l-*blog post* tal-10 ta'

[23] Fol. 69-70, Dok AM 3, ezebit mir-rikorrent fis-seduta tal-12 ta' Ottubru 2017
[24] Fol. 68, Dok AM 2, ezebit mir-rikorrent fis-seduta tal-12 ta' Ottubru 2017

Ġunju 2016 u l-pubblikazzjonijiet l-oħra jistgħu biss jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Qorti bħala prova tal-*animus* tal-intimata u tal-kuntest tal-istorja oriġinali..

8. Fil-pubblikazzjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 bl-isem "**Breaking / Central Bank Governer-designate took large amounts of cash from major supplier when he was Mid-Med Bank chairman",** ġew magħmula allegazzjonijiet in konnessjoni mal-għoti ta' kuntratt ta' sistema tal-IT fil-Mid-Med Bank (illum HSBC Bank Malta plc) fiż-żmien meta r-rikorrent kien *chairman* tal-bank, bejn is-snin 1996 u 1998. L-allegazzjonijiet serji li saru fil-konfront tar-rikorrent kienu rilevanti ħafna fiż-żmien li saru kemm minħabba l-pożizzjoni tiegħu bħala Deputat Gvernatur fil-Bank Ċentrali ta' Malta u kemm minħabba l-prospett imminenti li kien ser jinħatar Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta, kariga pubblika li minnha nnifisha tirrikjedi li l-persuna li tokkupaha tkun trasparenti u ma jkolliex dellijiet koroh fil-passat tagħha li jimpinġu fuq l-affidabbilita' tagħha.

9. L-intimata bdiet il-*blog post* in kwistjoni bil-kliem: "This web-site has received cast-iron information that Alfred Mifsud, who is set to become governor of the Central Bank of Malta on 1 July, took a significant amount of cash from a well-known businessman – who is not being named for legal reasons, though this website has this information – when he was chairman of Mid-Med Bank (now HSBC Bank Malta) during Labour leader Alfred Sant's brief tenure as prime minister in 1996 to 1998)*."* Kompliet billi tgħid illi r-rikorrent kien irċieva mingħand negozjant, identifikat fl-artikolu bħala r-rappreżentant ta' kumpanija Amerikana bl-isem EastPoint li timmanifattura *software* għal istituzzjonijiet finanzjarji, is-somma ta' ħamsin elf Lira Maltin (Lm 50,000) fi tlett okkażjonijiet separati permezz ta' flus kontanti li kien għaddihomlu d-dar tiegħu ġewwa envelopes kannella. Qalet ukoll illi wara l-elezzjoni tal-1998 meta Mifsud kien tneħħa mill-kariga tiegħu (għal raġunijiet li ma' kellhom x'jaqsmu xejn ma' xi allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu) l-istess negozjant kellu jgħaddilu somma oħra ta' ċirka Lm 70,000 liema somma pero' baqa' m'għaddielux. Spjegat illi fiż-żmien li għaddew il-flus, l-Mid-Med Bank kienet qed tbiddel is-sistema li kellha, il-Bankmaster system, li kienet ġiet installata taħt ic-*chairman* tal-bord preċedenti, għas-sistema tal-EastPoint. Dan is-software sewa lil bank miljuni ta' flus. Pero' fis-sena 1999 il-bank globali HSBC Bank xtara lill-bank u ftit wara biddel is-sistema tal-IT għal waħda ġdida. Fiflatt EastPoint imbagħad kienet fittxet lill-HSBC għal ksur ta' kuntratt.

10. Fl-artikolu l-ġurnalista kompliet tgħid li ċemplet lil Alfred Mifsud u żvelatlu l-isem tan-negozjant: "After a very brief pause Alfred Mifsud denied that he received money, and then ascribed the information I had to deliberate slander by third parties causing problems in his personal life.*"* Qalet illi l-implikazzjoni kienet li Alfred Mifsud kien involut f'korruzzjoni u għalhekk talbitu spjegazzjoni għal din l-assunzjoni: "While the cash deliveries are fact, their

link to Mid-Med Bank software tender is a rational assumption. "If the cash deliveries made to you by businessman X, when you were chairman of Mid-Med Bank, were not backhanders in connection with the Eastpoint software system installed at the bank, can you explain for what other purpose X gave you such large amounts of cash?" I asked." Ir-rikorrent pero ċaħad l-allegazzjoni b'mod kategoriku u spega lill-intimata illi: "I received no money… They never paid me any cash. The system was installed following an open tender process by the bank, and the decision was taken by the bank's board of directors and not by me alone. It was a very long and complicated process."

11. L-intimata kompliet tgħid illi skond sors identifikat bħala "One former senior Mid Med Bank official" Alfred Mifsud meta sar *chairman* tal-Bank kien determinat li jbiddel is-software kollu minkejja li s-sistema 'Bankmaster' kienet ghada kif tigi installata. Il-ġurnalista ikkwotat il-kumment tas-sur Mifsud dwar dan il-punt li s-sistema kienet filfatt "obsolete". Għalqet l-artikolu billi qalet li "Alfred Mifsud, who was chairman of the Labour Party's television and radio stations for several years, was appointed deputy governer of the Central Bank of Malta in May last year. The Central Bank had already had a deputy governor, and the second deputy governor was created at this point. He will take over as actual governor on 1 July, when incumbent Josef Bonnici's term is up…The heads of the central banks of EU member states do not answer the governments of those states but to the European Central Bank."

**Provi**

12. L-intimata Daphne Caruana Galizia xehdet fis-seduta tal- 19 ta' Gunju 2017 in subizzjoni[25]. Hija kkonfermat li l-*blog post* mertu tal-kawża huwa miktub u ppubblikat minnha fuq is-sit elettroniku tagħha.[26] Spjegat li meta kitbet l-artikolu ma kienetx qalet minn fejn ġabet l-informazzjoni biex tipproteġi s-sors tagħha iżda imbagħad is-sors ikkuntattjatha u qaltlilha li kienet lesta tixhed bil-ġurament li dak kollu li qiegħed fl-artikolu huwa filfatt veru u li ġej mingħandha. Is-sors tagħha kienet Anna Zelbst li qaltilha li fil-passat kienet toqgħod mar-rikorrent u li għandha żewġt itfal mingħandu. Kienet Anna Zelbst li ħadet l-inizjattiva li tikkomunika magħha. L-intimata spjegat li kienet issorprendiet ruħha għaliex qatt ma kellha relazzjoni tajba magħha u filfatt l-unika darba li r-rikorrent kien introduċieha magħha hi kienet pjuttost arroganti u aggressiva.[27] L-intimata qalet ukoll illi fil-passat kienet kitbet fuq is-sors b' mod dispreġġjattiv. Hija sostniet pero illi s-sors ġiet għandha għaliex in-nies jafdawha bħala ġurnalista li tiddefendi s-sorsi tagħha u ma' tikxifhomx.[28] Dwar is-sitwazzjoni personali ta' Zelbst mar-rikorrent, l-intimata

[25] Fol. 24-40
[26] Fol. 24
[27] Fol. 26
[28] Fol. 28

sostniet illi hija kienet diġa taf bil-fatt li r-rikorrent kien qiegħed f'relazzjoni ma' mara oħra għaliex kienet irċeviet ritratti tiegħu ma' din il-mara. Għalhekk ma' kellhiex għalfejn issaqsi lil Zelbst dwar ir-relazzjoni tagħha mar-rikorrent [29].

13. Wara li għamlet kuntatt magħha fuq din l-istorja Zelbst u l-intimata bdew jitkellmu ta' spiss. [30] Mistoqsija jekk talbitiex xi ħaġa biex tikkonvinċi ruħha dwar l-allegazzjonijiet, l-intimata wieġbet hekk:

> "Le, ghax fl-esperjenza twila ħafna tieghi 'l fuq minn 30 sena fil-ġurnalizmu, meta xi ħadd jigdeb u jivvinta storja m'huwiex ser jigdeb u jivvinta storja li tista' ddaħħlu l-ħabs, ok? Għalhekk. Jiġifieri meta xi ħadd per eżempju mara f'dik is-sitwazzjoni tiġi għandi b'ċertu dettalji speċifiċi ħafna naf li qed tgħid il-verita`. Hi ma kellhiex raġuni tigdeb. Għalfejn tigdeb? U hi kienet diġa` marret għand il-Pulizija, fit-2006 naħseb. Meta kienu sseparaw darb' ohra hi marret kellmet lil Michael Cassar li dak inhar kien Assistent Kummissarju u kienet għamlet rapport fil-fatt fuq dawn l-affarijiet eżatt; u hi ser tixhed hekk ukoll. Jiġifieri hi ma ġietx għandi tivvinta storja u ġiet għandi! Hi ġiet għandi u qaltli dak li kienet qalet lill-Assistent Kummissarju Michael Cassar fit-2006. Minhiex żgura s-sena, imma naħseb li 2006."

14. Mistoqsija jekk kienetx ipprovat tivverifika l-allegazzjonijiet hija wieġbet li kienet ċemplet lis-Sur Mifsud[31] u kienet kellmet ukoll lil xi uffiċjali tal-bank li kienu jaħdmu mal-Mid-Mid Bank liema sorsi filfatt ġew kkwotati fl-artikolu nnifsu.

15. Fuq ir-rikorrent, Alfred Mifsud qalet hekk:

> "... ilni nafu snin naħseb xi 20 sena qatt ma kellna relazzjonijiet hziena. Qatt ma kelli animu kontrih. Fil-fatt cempiltlu hawnhekk bil-pulitezza kollha u kellimtu. Hu rrispondieni bil-manjeri kollha shah. Jigifieri jien qatt ma kelli xejn kontrih. Imma jekk tigini storja bhal din minhiex ser nghid – le jiena ghax lil Alfred Mifsud nirrispettah u qatt ma kellna relazzjoni hazina minhiex ser naghmel din l-istorja! Ghax jiena gurnalista wara kollox[32]."

16. Hija sostniet illi ma' kelliex għalfejn titlob provi mingħand Anna Zelbst u li kellha l-komfort li s-sors kienet lesta li tixhed.[33] Is-sors kienet qaltilha li kienet "litteralment fethet il-bieb, dahal is-Sur Ronnie Demajo u ta l-cash lis-Sur Mifsud quddiem wiccha. U hi, hi ratu jghoddhom il-flus." [34] Caruana Galizia qalet li lis-Sur Demajo kienet tafu imma meta saret

[29] Fol. 30
[30] Fol. 32
[31] Fol. 36
[32] Fol. 33
[33] Fol. 34
[34] Fol. 36

taf bl-istorja huwa kien diġa ibati mill-marda tad-dimenzia u filfatt miet ftit wara. Madanakollu hija ma' kelliex dubbju fuq il-kwalitajiet dubbjużi ta' dan il-persuna:

> "Ħu s-Sur Ronnie Demajo kien miżżewweġ ma' oħt missieri. Dawna nies nafhom, u li kieku kien xi ragel – xi businessman[35] iehor ma kont nghid xejn, ok? Jew kont nissuspetta. Imma peress li naf li s-Sur Ronnie Demajo hekk kien jahdem ma gietnix id-dubju. Kont naf li qed tghid il-verita` ghax is-Sur Ronnie Deamjo ilni nafu mindu twelidt. Kif ghedt, huh kien mizzewweg ma' oht missieri."

17. Dwar l-allegazzjoni illi s-sistema tas-*software* tal-bank kienet inbidlet bla bżonn hija qalet hekk:

> "Fil-fatt din is-sistema ma kinetx tajba li daħħal is-Sur Mifsud. Dik hija il-qofol tal-kwistjoni. Taħt id-direzzjoni tas-Sur Mifsud, il-Mid-Med Bank ... kien xtara din is-sistema ta' *banking software.* Ma nafx eżatt l-isem tekniku tagħha, imma *banking software*, li meta HSBC xtraw il-bank ftit wara kellhom ineħħuha kompletament ghax ma kinetx tajba[36]. U l-uffiċjali li kellmuni li kienu l-bank dak iż-żmien issa llum irtirati qaluli li fil-fatt is-Sur Mifsud kellu parir biex ma jdaħħalx din is-sistema għax ma kinetx suitable ghal bank. Imma hu ried din is-sistema bilfors u bagħat ħafna impjegati tal-bank l-Amerika biex jaraw kif taħdem etc u bilfors kien insista fuq din is-sistema. Li l-broker taghha kien is-Sur Ronnie Demajo."

18. L-intimata qalet illi l-unika ħaġa li s-sors tagħha kienet inċerta fuqha kienet l-ammont eżatt ta' flus li kienu tħallsu lir-rikorrent. Filfatt Zelbst kienet tatha figura approssimattiva fuq dak li assumiet hi. Finalment l-intimata tenniet illi l-*blog post* ħareġ fi żmien importanti għaliex dak iż-żmien ir-rikorrent kien nominat biex isir gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Skond l-intimata n-*news value* tal-pubblikazzjoni kien dak illi f'pajjiż ċivilizzat ma jistax ikollok gvernatur ta' Bank Ċentrali li jkun ħa l-flus b'tixħim[37] Il-motivazzjoni tagħha wara l-artikolu kien dak li pajjiżna ma' jkollux Gvernatur ta' Bank Ċentrali b'dan id-dell fuqu. [38]

19. Ir-rikorrent Alfred Mifsud xehed fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2017 li huwa kien għamel ħdax-il sena jgħix taħt l-istess saqaf ma' Anna Zelbst (bejn l-1995 u l-2006) meta imbagħad kienu nfirdu u reġgħu flimkien fis-sena 2012 sakemm ir-relazzjoni reġgħet spiċċat fis-sena 2016 [39]. Meta fl-2012 reġgħu rrikonċijlaw huwa ma' kienx jaf illi sitt

[35] Fol. 35
[36] Fol. 38
[37] Fol. 39
[38] Fol. 40
[39] Fol. 41-54

snin qabel Zelbst kien marret tagħmel rapport lill-Pulizija bl-istess allegazzjonijiet li ppubblikat l-intimat fil-*blog post* in kwistjoni. Għalkemm fl-2006 il-Pulizija ma' kienux bagħtu għalih, pero' meta ġie ppubblikat il-*blog post* mill-intimata l-Pulizija kienu kellmuh.[40]

20. Dwar dak li seħħ wara li r-relazzjoni tagħhom sfaxxat fl-2016 huwa qal illi: "meta mbaghad irrealizzat illi I had no intention li nerga' immur lura bdiet tirrikattani u tiblekkjemjali li jekk ma intihiex certi affarijiet ta' flus allura ser taghmel xi haga li ma thallinix insir gvernatur." Huwa qallha illi ma' kienx ser iċedi għar-rikatt tagħha. Jumejn qabel ma ħarġet l-istorja, u ċioe' fit-8 ta' Ġunju 2016, ir-rikorrent kien siefer mas-sieħba li kellu relazzjoni ġdida magħha u kienu ħarġu xi ritratti tiegħu ma' din il-mara. Huwa informa lil Anna Zelbst li ma kellu l-ebda intenzjoni jirranġa r-relazzjoni ta' bejniethom. Skond ir-rikorrent, dakinhar Zelbst bagħtitlu messaġġ fuq il-*mobile* bil-kliem "Daphne will now come in handy." Fl-10 ta' Ġunju l-intimata kienet ċemplitlu dwar l-istorja u hu filwaqt li ċaħadha mal-ewwel qalilha ukoll biex toqgħod attenta għaliex din kienet storja ta' vendetta personali minn persuna li kellhe temperament ftit instabbli u li kienet tmur fl-estremitajiet. Huwa sostna illi fil-karriera twila tiegħu ħadd ma' kien qatt esprima dubbju fuq ix-xogħol li kien jagħmel.

21. Dwar il-konsegwenzi li ħalliet il-pubblikazzjoni fuqu, ir-rikorrent qal li peress li l-allegazzjonijiet kienu ta' natura serja dwar atti ta' korruzzjoni u ħasil ta' flus money laundering (għalkemm il-Qorti hawn trid tissenjala li l-akkużi ta' ħasil ta' flus strettament ma' sarux fil-pubblikazzjoni lamentata iżda f'oħra sussegwenti), huwa kellu jirtira ismu mill-kariga ta' Gvernatur. Filfatt huwa ħass ukoll illi kellu jitlaq mill-kariga ta' Deputat Gvernatur ġaladarba qatt ma' kien ser jilħaq Gvernatur wara l-allegazzjonijiet in kwistjoni. Pero' skond hu, l-awtoritajiet u l-Bank Ċentrali Ewropej kienu ħeġġuh biex jibqa' fil-kariga. Eventwalment huwa pero' ħass li kellu jirtira u filfatt għamel hekk fl-aħħar ta' Ġunju 2017 [41]. Huwa sostna illi sofra konsegwenzi finanzjarji minħabba f'hekk konsistenti f'telf ta' introjtu minn salarji.

22. Mifsud tenna illi l-Pulizija avviċinawh biex jinvestigaw l-allegazzjonijiet li ħarġu fil-pubblikazzjoni[42] Kien bagħat ghalih l-Ispettur Raymond Aquilina, stazzjonat is-CID li miegħu kien hemm ukoll l-Ispettur Yvonne Farrugia. Ir-rikorrent ċaħad l-allegazzjoni li għaddew xi flus għandu mingħand Ronnie Demajo bil-ħsieb li jiġi influwenza il-proċess tal-bidla fis-sistema tas-*software* tal-bank.[43] Huwa pprova jġib id-

[40] Fol. 41
[41] Fol. 44
[42] Fol. 44
[43] Fol. 45

dokumentazzjoni relattiva mill-HSBC Bank dwar il-proċess tal-għażla (liema proċess seħħ fis-snin 1997 u 1998) iżda dawn irrifjutaw li jgħaddulu dettalji. Skond ir-rikorrent pero' l-Pulizija kellhom *file* bid-dokumenti kollha relevanti.

23. Fuq il-process tat-tibdil fis-*software* huwa spjega li dan il-proċess beda immedjatament kif daħal bħala *Chairman* tal-bank u li s-sistema li kienet qegħda tiġi adoperata ma' kienetx qed taqdi l-funzjonijiet tal-bank:

> "Hemmhekk kien hemm sistema dik li jgħidulha 'batch processing' jiġifieri li ġġib ir-rapport, tiftaħ bil-bilanċi tal-bieraħ u l-bank jagħmel ġurnata sħiħa jsarraf u jagħti l-*credits* mingħajr ma għandu transazzjonijiet *online* ta' kif kienu qed isiru u allura kien fiha riskju kbir. Kien hemm sistema li ħafna drabi lanqas ir-rapporti tal-bieraħ ma jaslu ghax it was a very long process, u allura l-bank beda proċess biex noħorgu *tender* biex naraw ngħidu x' għandna bżonn u mbagħad kulħadd jittenderja."

Huwa kien inhatar chairman f' Diċembru 1996 u dan il-process kien beda fis-sena 1997. Fuq dwar kif il-bank wasal għad-deċiżjoni dwar liema sistema ser tiddaħħal qal li kien hemm diversi kumitati t'evalwazzjoni:

> "li l-ewwel għamlu l-ispecifications u imbagħad evalwaw ... Huwa veru li bgħatthom l-Amerika, imma mhux l-Amerika biss bgħatthom. Dawn marru l-Awstralja, marru l-Indja, marru l-Filippini. Jiġifieri meta ġiet short list ittenders ta' min verament nistgħu naħdmu miegħu aħna ridna mmissu s-sistema b' idejna u naraw li taħdem.[44] U dawn l-evaluation teams marru għand kulħadd jaraw is-sistema tahdem f' diversi pajjiżi."

Il-kumitati ltaqgħu bejniethom u ħarġu b'żewġ rapporti: wieħed tal-maġġoranza u l-ieħor tal-minoranza. Ir-rapport tal-maġġoranza kien jipproponi sistema moderna li kienet tuża teknoloġija *cutting edge* u li pero ma' kienetx għadha ppruvata daqs is-sistema l-oħra. Ir-rapport tal-minoranza kien jipproponi sistema Awstraljana li kienet teknoloġija pjuttost antika iżda kienet waħda li tintuża sew għalkemm kien hemm dubbji fuqha dwar kemm setgħet tiġi addattata għall-bżonnijiet tal-bank f'każ ta' *upgrades* u kien hemm dubbji ukoll dwar il-*maintenance* tagħha:

> "Niftakar finalment l-evaluation committee kien ta' disgha min-nies illi sitta riedu din is-sistema u tlieta issuggerew is-sistema l-ohra. Meta telghet il-Bord għad-deċiżjoni ż-żewġ timijiet ġew quddiem il-Bord... għamlu l-presentation, spjegaw ghaliex huma qed jagħmlu l-għażla u l-oħrajn qed jagħmlu l-għażla oħra, u finalment il-Bord iddeċieda; konna disgħa; bi tmien voti kontra wiehed irridu mmorru għal majority system. Il-wieħed li ivvota kontra kien wiehed li impjegat il-bank stess li kien wieħed mill-minority report ukoll. U lili kien ġie spjegali u qalli jiena ma nistax nivvota favur jekk jiena fil-minority report fl-evaluation committee mort mal-minority mhux mal-

[44] Fol. 47

> majority. Għedtlu hawnhekk huwa liberu u tista' tivvota kif tħoss li għandek tivvota. U d-deċiżjoni dik kienet jiġifieri. Ma kien hemm l-ebda raġuni li lili xi ħadd kellu għalfejn jagħtini xi ħaġa, għax id-deċiżjoni ma kinetx tiegħi; kienet tal-bank kollu. Ngħidlek jien lanqas kienet tal-Bord imma kienet coming up and down. U l-argument li din ma kienx hemm bżonn tinbidel assolutament ..."[45]

Ir-rikorrent baqa' *chairman* tal-bank sa' Diċembru 1998 u f'Ġunju 1999 l-HSBC Bank Malta plc ħadu over u biddlu s-sistema.

Fuq il-files li ra għand il-pulizija sostna li l-pulizija kellhom l-proċess kollu

> "Jigifieri r-rapporti li saru, l-evaluataion; in-nies li siefru; bir-rapporti li gew minn barra; x' qalu, il-majority report, il-minority report; il-minuti tal-Bord tad-Decizjoni. Kien hemm il-process shih jigifieri the whole process."[46]

24. Dwar in-negozjant li skond il-*blog post* issemma li kien għaddielu l-flus, ċioe Ronnie Demajo, ir-rikorrent spjega li Anna Zelbst kienet tafu aktar minnu. Qal li fil-bidu tar-relazzjoni tiegħu ma Zelbst għal ħabta tal-1994/1995 kien stedinhom għall-ikel id-dar tiegħu u dan għaliex hu kien jaf lil Zelbst. Ir-rikorrent qatt ma kellu negozju miegħu. Tenna illi Ronnie Demajo qatt ma' mar id-dar tiegħu sakemm kien hemm hu iżda ma' eskludiex li jista' jkun li Demajo mar id-dar tiegħu minn warajh[47].

25. Rigward l-akkużi ta' ħasil ta' flus li saru mill-intimata f'pubblikazzjoni sussegwenti (l-allegazzjoni kienet illi ma' kull ħamsin elf euro Maltin li kien jirċievi mingħand in-negozjant, ir-rikorrent kien jagħti Lm 10,000 minnhom lil terza persuna li kienet iddaħħalhom fil-kont tagħha tal-Bank of Valletta u imbagħad kienet toħroġ ċekk għal dak l-ammont lir-rikorrent) huwa ċaħad dan u insista li l-Pulizija għamlu l-verifiki tagħhom fil-kontijiet tiegħu u ma kienu sabu xejn.[48] Fil-kontijiet tagħha kienu sabu xi żewġ jew tlett depożiti ta' għaxart elef imma hu ma' kellux x'jaqsam magħhom.

26. Tenna ukoll illi Zelbst kienet ferħana li huwa ser jilħaq Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta u li huwa kien anke ħallas it-tieġ tat-tifla tagħha u allura ma' setax jifhem għalfejn ħarġet b'dawn l-allegazzjonijiet. Sostna illi Zelbst kienet bdiet tippretendi li jtiha somma flus wara li kien biegħ il-*business* tiegħu sabiex ma' jkunx hemm konflitt ta' interess mal-kariga li kien ser ikollu. L-aġir ta' Zelbst, skond ir-rikorrent, kien

[45] Fol. 48
[46] Fol. 50
[47] Fol. 51
[48] Fol. 52

konferma tas-suspetti tiegħu li kellu fil-passat li ma' setax jafdaħha fil-flus u li filfatt din kienet ir-raġuni 'l għala qatt ma' ried li jiżżewġu. [49]

27. Ir-rikorrent **Alfred Mifsud** xehed ukoll fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2017[50]. Huwa qal li skopra li l-familja ta' Demajo kienet involuta mas-sistema l-ġdida tas-*software* meta ltaqa ma ċertu Joe Demajo dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt u sab illi Demajo Group kien ir-rappreżentant/aġent tal-EastPoint ġewwa Malta. Għamilha ċara illi qatt ma' kien involut f'xi diskussjonijiet diretti kemm mas-suppliers u kemm mal-aġenti tagħhom f'Malta. Huwa ħass ruħu offiż bl-arikolu ukoll għaliex ġiet użata l-kelma '*fixer*' fir-rigward tan-negozjant li allegatament għaddilu l-flus. Huwa nsista illi l-artikolu kellu effett ħażin fuq il-karriera tiegħu:

> "Kumbinazzjoni alla jbierek dik ħarġet propju fl-10 ta' Ġunju tas-sena 2016 li kienet tlett ġimghat qabel ma jien suppost dħalt fil-kariga ta' Governor fl-1 ta' Lulju, u kienet propju dakinhar stess li filgħodu kelli meeting mal-Prim Ministru fejn reġa' kkonfermali l-intenzjoni tiegħu li ningħata dik il-kariga. Lanqas għaddew ftit siegħat li xi ħadd kellu l-intenzjoni li dik id-deċiżjoni jisplodiha. U meta tinqabad f'dawn l-affarijiet... biex titfa' t-tajn huwa faċli, imma biex tipprova li dak huwa tajn mhux verita' tieħu proċess twil. Jiena kif għidt qabel, ghal bidu ridt nitlaq minn kollox, għaliex dehrli li l-organizazzjoni bħal Bank Centrali ma rridx nagħmillha dannu żgur. Kwazi kwazi ġejt kostrett illi nibqa' bhala deputy għaliex kien ikun hemm problema jitlaq il-Governor u jitlaq id-Deputy, u anke l-fatt li nibgħatu messaġġ barra minn Malta li donnha l-oppożizzjoni għandha dritt li m'għandux il-gvern li tneħħik mill-pożizzjoni li diġa għandek għax dik hija salvagwardjata mill-liġi u allura ddeċidejt li nibqa' sena anke biex nagħti ċans lill-Gvernatur il-ġdid li daħal ... fejn kont se nidħol jien ... biex intih ċans isib saqajh. U kif jaf kulħadd, imbaghad fit-30 ta' Gunju irtirajt anke mill-kariga ta' Deputy Governor."

28. Skond ir-rikorrent, il-motivazzjoni ta' Anna Zelbst li tmur għand l-intimat bl-istorja toħroġ mill-messaġġ li bagħtitlu u ċioe li issa ser tiġġilidlu gwerra u li "Daphne will come in very handy".[51]

29. Wara li ġie ppubblikat l-artikolu l-pulizija bagħtu għalih diversi drabi fix-xahar ta' Awwissu 2016. Kienu staqsewh numru ta' mistoqsijiet u hu min-naħa tiegħu kien provdilhom kopja tal-*bank accounts* tiegħu. Il-Pulizija urewh l-file kollu tal-proċess tal-Mid-Med Bank u r-rikorrent kellu ċans jeżaminah u jispjega pass pass kif saru l-affarijiet. Minn dakinhar pero' ma sema xejn aktar.[52] Il-Bank Ċentrali Ewropej ukoll talbu lill-Pulizija ituhom xi forma ta' assigurazzjoni li ma kellhom l-ebda bażi fuq xiex

[49] Fol. 53
[50] Fol. 59-66
[51] Fol. 61
[52] Fol. 62

imexxu kontrih. Din l-informazzjoni silitha mill-minuti tal-European Central Bnak. Skond ir-rikorrent din kienet l-ewwel darba fil-karriera tiegħu ta' sebgha u erbghin sena li kellu investigazzjoni fuqu. Bħala konsegwenza diretta ta' din l-istorja huwa sostna illi tilef l-opportunita' li jkun gvernatur tal-Bank Ċentrali.

> " ... kif qed nghid jien kien certament intenzjonat illi lili itellifli c-cans li niehu l-pozizzjoni tieghi, ghax il-pozizzjoni ta' Governor bhal train li tghaddi darba kull hames snin. If you are not on the platform on the day, forget it. Trid tistenna hames snin ohra u ovvjament fl-eta' tieghi ta' hamsa u sittin sena ma tantx tista' tistenna hames sninijiet. Wara ftit, biex tkompli zzid id-doza ta' xi haga li jien diga' serjissima... anzi serja li lili stess biex ma naghmilx dannu lill-organizazzjoni, ghax ovvjament[53] dahlet ix-xena politika, ghax is-Sur Mifsud ghandu anke jirrizenja minn fejn hu etc"

Ir-rikorrent għamel riferenza ukoll għall-*blog posts* sussegwenti li ġew ippubblikati mill-intimata fuq l-istess suġġett u li ppreżenta kopja tagħhom a fol 68 u 69 tla-proċess:

> "Imbaghad deher artiklu li kien serjissimu. Deher dan fil-15 ta' Gunju igifieri, hamest ijiem wara l-ewwel wiehed li l-heading tieghu wkoll, tibda' mill-heading ukoll, "central bank governor designate" igifieri ghax jiena probabbilment irtirajtha, tlabt lill-Prim Ministru ma jikkunsidranix wara dan l-artiklu... dejjem taghmel gimgha qisu, ghaxart ijiem tghix in denial... sakemm tasal ghall-konkluzzjoni iebsa, kienu x'kienu l-ambizzjonijiet tieghi, imma "central bank governor designate laundered..." mhux may have laundered, "laundered portions of cash bribes to third party accounts." Dak il-heading. Imbaghad fih statement igifieri li jghid, "Mifsud would count the money first, give it to a third party... [54] Ovvjament hemmhekk hemm akkuza serja. Serja ghax hi serja minnha nnifisha. Imma serja aktar ghax min suppost ghamilha ghandu posizzjoni biex jizgura li dawn l-affarijiet ma jsirux igifieri. L-investigazzjoni saret, allavolja konna qed nitkellmu fuq affarijiet li graw ghoxrin sena qabel. U jien meta kellimt lil Mrs Caruana Galizia ghidtilha... ghidtilha inti tapprezza li din qed takkuzani f'affarijiet li graw ghoxrin sena ilu. Igifieri jekk din hi genwina, kif tispjegalek illi din bil-genwinita taghha ghaliex hi qalet li ma tixtieqx li jkollna Gvernatur korrott,[55] igifieri ghalhekk ghamlet li ghamlet. Kif tispjegalek li din damet dawn is-snin kollha kieku veru tgawdi minnhom dawk l-affarijiet, u issa missitha l-kuxjenza wara ghoxrin sena li tisplodi kollox... igifieri ghal xi hadd illi ghandu intelligenza komuni kien jarah dan id-dubju..."

30. Ir-rikorrent qal ukoll illi Zelbst pruvat saħansitra tmur tagħmilu l-ħsara barra minn Malta u pruvat tbiegħ l-istorja tagħha lill-ġurnal Politico iżda dawn ma' riedux jippubblikaw peress li ma' kellhomx provi f'idejhom[56]

---

[53] Fol. 63
[54] Fol. 64
[55] Fol. 65
[56] Fol. 66

31. Alfred Mifsud xehed għal darb' oħra fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2019 din id-darba quddiem din il-Qorti kif presjeduta.[57] Ir-rikorrent ikkonferma diversi affarijiet li kien xehed fuqhom preċedentement u elabora fuq affarijiet li xehdu fuqhom xhieda oħra fil-kors tal-kawża u li l-Qorti ser tagħmel riferenza għalihom aktar 'l quddiem. Huwa tenna illi huwa qatt ma' kien influwenza lil ħadd u qatt ma' kien iltaqa direttament ma' xi *supplier* ħlief meta ġie biex jiffirma l-kuntratt finali. Kien hemmhekk illi nduna li l-*aġent* tal-EastPoint kien Malti u ċioe Joe Demajo.

32. Fit-3 ta' Mejju 2018 xehed bil-mezz ta' affidavit Alexander Cassar[58]. Dan kien jokkupa l-kariga ta' *management consultant* bi speċjalizzazjoni fit-teknoloġija tal-informatika u fil-*management information systems in banking*. Fil-bidu tas-sena 1997 kien appuntat minn Alfred Mifsud bħala "his personal advisor on strategic matters regarding information technology and information systems at Mid-Med Bank Group." u baqa' jokkupa l-kariga sal-aħħar tas-sena 1998. Waħda mill-funzjonijiet li kellu kienet dik li jifforma parti mill-*evaluation committee*. Qal li f'din il-kariga hu vvjaġġa mal-kumitat f'diversi postijiet madwar id-dinja fl-Ewropa, fl-Asja u anke l-Awstralja fuq perjodu ta' tlett xhur li matulhom ġew evalwati sistemi differenti. L-attenzjoni tiegħu kienet mixħutha fuq l-impatt li setgħet tħalli s-sistema magħżulha fuq it-*target operating model* tal-bank. Fl-aħħar tal-proċess huwa kien ifforma parti mit-tim ta' minoranza li kienu kontra s-sistema l-ġdida proposta mill-bqija tal-membri u li eventwalment din is-sistema intgħażlet mill-bank. Huwa ikkonferma illi qatt ma kellu pressjoni mingħand ħadd u li matul il-proċess kollu t'evalwazzjoni:

> "… I had no doubt about the necessity and urgency to replace the existing batch-oriented system with a state-of-the-art architecture system to enable the bank to reach its stategic plan.[59]"

33. Fit-3 ta' Mejju 2018 xehed Anthony Vella Gregory[60] li kien jokkupa l-kariga ta' direttur ħaddiem fil-bord tal-Mid Med Bank fiż-żmien meta r-rikorrent kien *chairman* tal-istess bank. Mistoqsi dwar għaliex kienet ittieħdet id-deċiżjoni li titbiddel is-sistema tal-IT huwa spjega li meta fis-sena 1996 inħatar il-Bord il-ġdid

[57] Fol. 137-140
[58] Fol. 81-82
[59] Fol. 81
[60] Fol. 91-93

waħda mill-problemi kienet li s-sistema tal-IT ma kienitx qed taqdi l-funzjonijiet tal-bank u ma kienitx effiċjenti. Kien hemm numru ta' issues marbuta magħha inkluż li minħabba l-overload fuq is-sistema, din kienet ukoll tieqaf kompletament.[61] Il-bord indirizza din il-problema billi bdew iħarsu lejn sistemi differenti. Ix-xhud spjega illi l-Bord kien qabbad timijiet ta' nies biex iduru ma' kważi d-dinja kollha inkluż l-Awstralja, Indonesia, Filippini... biex jiġu esplorati s-sistemi li banek oħra simili fid-daqs kienu jużaw u li setgħu jgħoddu għall-bank lokali. Dawn it-timijiet kienu irrapportaw fuq is-sistemi li raw u l-għażla kienet finalment ristretta għal żewġt proposti li kienu:

> "waħda ta' sistema uzata l-Awstralja li kienet operattiva, kienet kwazi kwazi efficjenti u taqdina, pero' minn naha tal-IT l-informazzjoni kienet isma' din tajba imma ma ttiniex li nkunu nistghu nizviluppaw fuqha ghall-bzonnijiet li qed naraw ghal quddiem. U minn naha l-ohra kien hemm sistema li kienet b'lingwagg tal-computer aktar modern li setghet tigi sostnuta u allura l-life span taghha kienet se tkun hafna itwal mill-ohra Awstraljana. U kienet ittina l-opportunita' li niziluppaw sistemi interni operattivi li jaqdu l-bzonnijiet li konna qed naraw ghal futur." [62]

Ix-xhud kompla jelabora billi qal illi t-timijiet għamlu żewġt preżentazzjonijiet lill-Bord. Wieħed mit-timijiet kien qed jissapportja l-għażla tal-bank Awstraljan u t-tim l-ieħor għamel presentazzjoni fuq is-sistema Amerikana tal-EastPoint li kienet aktar moderna u li kienet tipprovdi aktar possiblitajiet lill-bank illi jiddiversifika fil-ġejjieni. Wara l-preżentazzjonijiet saru d-domandi mill-membri tal-Bord u wara li għamlu d-deliberazzjonijiet tagħhom il-maġġoranza tal-membri għażlu li jmorru għas-sistema tal-EastPoint. Id-deċiżjoni ma kienitx unanima għaliex kien hemm membru li kien qed jinsisti li jmorru għas-sistema Awstraljana li kienet *tried and tested.*[63]

Skond ix-xhud, ir-rwol tas-Sur Mifsud kien ta' Chariman tal-Bord u bħal kull membru ieħor seta' jesprimi l-opinjoni tiegħu. Bħala diretturi kienu jħossuhom liberi li jitkellmu. Filfatt ma kienx hemm restrizzjonijiet la fuq il-ħin u lanqas fuq il-kwalita' ta' domandi li setgħu jagħmlu.[64]

Ix-xhud qal li spiċċa minn mal-bank fis-sena 2012. Mistoqsi għalfejn l-HSBC Bank Malta plc imbagħad qaleb is-sistema appena ħa l-Mid Med f'idejh, huwa qal illi l-HSBC bħala bank global kellu s-sistema tiegħu li kien juża fil-grupp kollu tiegħu.

---

[61] Fol. 92
[62] Fol. 92
[63] Fol. 92
[64] Fol. 92

34. Fl-istess seduta xehed ukoll Robert Scott[65], ex-impjegat tal-bank li kien jokkupa l-kariga ta' *General Manager* u li kien jieħu ħsieb l-IT fiż-żmien meta nħareġ it-tender tas-sistema tal-komputers. Qabel kien jaħdem ukoll fid-dipartiment tal-IT [66]. Hu kien involut mill-bidu nett u ċioe minn meta beda l-*computerization* fi ħdan il-bank. Mistoqsi dwar l-effiċjenza tas-sistema tal-IT meta laħaq *chairman* ir-rikorrent huwa qal li l-problema tal-IT fil-bank kienet bdiet ħafna qabel is-sena 1997. Is-sistema eżistenti, li kienet waħda Irlandiża qatt ma ħadmet tajjeb u kienet ineffiċjenti.[67] Kienet ilha ssir pressjoni biex is-sistema tinbidel u meta inbidel il-*management* u laħaq il-bord il-ġdid beda jimxi l-proċess biex tinbidel is-sistema.[68]

Ix-xhud kien parti mill-evaluation team. It-tender kien ħareġ qabel ma laħaq *chairman* ir-rikorrent. Inizjalment l-*evaluation team* kien għamel *shortlist* ta' tlett sistemi. Kienu marru jarawhom kollha. Fit-tim kien hemm persuna taħdem mal-Gvern, membru tal-Bord u hu. Kienu daħlu ukoll l-impjegati tal-bank li kienu jużaw is-sistema biex imorru jaraw it-tlett sistemi li kienu ġew short-listed. [69] It-tim t'evalwazzjoni kien dejjem jirrapporta lil Bord u dan kellu għad-disposizzjoni tiegħu r-rapporti kollha flimkien mad-dokumentazzjoni. Kien hemm żewġt rapporti, *minority report* u *majority report* li t-tnejn ingħataw lil Bord. Il-*minority report* kien ipprefera s-sistema Awtraljana. [70] Il-maġġoranza ma kienux kuntenti b' din is-sistema peress li kienet sistema antikwata. Fuq iż-żewġ sistemi l-oħra li gew shortlisted ix-xhud qal illi dawn ukoll ma' kienux preferuti peress li kellhom il-problemi tagħhom, waħda minnhom riedet iż-żmien biex tiġi implimentatha u l-oħra riedu jibnewha mill-ġdid biex taqdi l-esiġenzi speċifiċi tal-bank [71]. Il-bank spiċċa biex m'għażel l-ebda sistema minn dawn it-tlieta.

Il-Bord għażel illi jesploraw sistemi oħra apparti dawk li kienu ġew shortlisted iżda l-Bord ma' kienx speċifikament irrakkomanda li jmorru għas-sistema tal-EastPoint mingħajr ma' ssir xi evalwazzjoni[72] Kien wara li reġa sar proċess ta' evalwazzjoni li l-Bord mar għas-sistema tal-EastPoint liema sistema inizjalment allura ma' kienetx ma' dawk li kienu ġew shortlisted.[73] Filfatt is-sistema kienet waħda minn dawk li

---

[65] Fol. 83-93
[66] Fol. 83
[67] Fol. 84
[68] Fol. 84
[69] Fol. 85
[70] Fol. 86
[71] Fol. 86b
[72] Fol. 87b
[73] Fol. 87b. Inoltre fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti kif presjeduta (fl-14 ta' Ottubru 2019), ir-rikorrent Alfred Mifsud ikkonferma illi inizjalment il-Bord ma' kien għażel l-ebda waħda mit-tlett sistemi li kienu ġew shortlisted qabel ma' imbagħad eventwalment intgħażlet is-sistema tal-EastPoint.

kienu ġew skartati sabiex waslu għat-tlett sistemi li ġew evalwati mill-evaluation team. Ix-xhud spjega li fil-fehma tiegħu is-sistema tal-EastPoint ma kelliex tiġi skartata u li hu kien qajjem dan il-punt li pero' ma' kienx deher fil-minuti tal-laqgħa fejn imbagħad mxew mad-deċiżjoni tal-maġġoranza.[74] Fuq il-bidla immedjata fis-sistema li ġiet implimentata mill-HSBC meta ħadu l-bank f'idejhom ix-xhud spjega illi huwa kien jifhem li bank kbir bħal HSBC ikun irid jaddotta s-sistema tiegħu.

35. Fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2018 xehed l-Ispettur **Raymond Aquilina** stazzjonat fl-Anti-Money Laudering Unit [75]. Hu flimkien mal-Ispettur Yvonne Farrugia kienu investigaw lir-rikorrent sussegwentement għall-artikolu in kwistjoni u għal artikoli oħra li dehru fil-gazzetti.[76] L-Ispettur xehed li Anna Zelbst kienet intalbet tmur sal-uffiċċju tagħhom biex telabora fuq l-allegazzjonijiet tagħha. Zelbst qaltilhom li fis-sena 2006 kienet għamlet rapport mal-Assistent Kummissarju Michael Cassar flimkien mal-Ispettur Paul Vassallo meta kienet rrilaxxat stqarrija. Hija kkonfermat l-istqarrija li kienet għamlet u qaltilhom li minn dakinhar 'l hawn ma kienet semgħet xejn. Skond ix-xhud mill-evalwazzjoni li għamel biex jistħarreġ għalfejn ma' kien sar xejn jidher illi suppost Zelbst kellha tgħaddi dokumentazzjoni lill-Pulizija. Meta reġgħet ġiet mistoqsija jekk kelliex xi dokumentazzjoni in sostenn tal-allegazzjonijiet hija qalet li ma' kelliex dokumenti xi tforni lill-Pulizija u għalhekk huma involvew l-istituzzjonijiet finanzjarji fostjom l-HSBC u l-BOV.

Il-Pulizija ġabet id-dokumentazzjoni meħtieġa inkluż stampi ta' ċekkijiet. Skond ix-xhud meta ġew biex janalizzaw l-kont bankarju li kellha Anna Zelbst l-allegazzjoni li din kienet qegħda tieħu Lm 10,000 mill-flus kontanti li allegatament kienu qed jingħataw lil Alfred Mifsud minn Demajo ma rriżultatx. Dan għaliex ma' kienx jidher li qatt daħlet din is-somma fil-kontijet bankarji tagħha. Il-Pulizija akkwistat ukoll id-dokumentazzjoni kollha fir-rigward tal-għażla tas-sistema tal-EastPoint [77] Fil-file relattiv filfatt kien hemm il-proċess kollu tat-tender u r-rapport tal-esperti. Irriżulta li d-deċiżjoni finali kienet waħda li ttieħdet mill-Bord kollu u mhux minn Alfred Mifsud wahdu kif kien ġie allegat.

36. L-Ispettur **Aquilina** kompla jispjega li r-rikorrent ġie mistieden jirrapporta l-uffiċju tagħhom biex jirrispondi ghall-allegazzjonijiet u dan ġara f'żewġ okkazzjonijiet:

> "u fid-darbtejn kien taghna spjegazzjoni kemm fi flejjes … l-ispjegazzjonijiet tal-kontijiet bankarji tieghu kif ukoll, ghax kien hemm allegazzjoni wkoll illi l-flus li kien qed jghaddi lil third party,

[74] Fol. 88
[75] Fol. 95-103
[76] Fol. 95
[77] Fol. 97

igifieri lil Anna Zelbst imbaghad kien jerga' johodhom u jdahhalhom fis-sistema finanzjarja. Kien hemm xi flejjes li ghaddew u s-Sur Mifsud kien taghna spjegazzjoni fuq dawn il-flejjes, liema flejjes ukoll imbaghad kienu gew ikkorraborati wkoll mis-Sinjura Anna Carmen Zelbst. Imma jidher li qatt ma kien hemm dawk l-ammonti li jissemmew fl-allegazzjonijiet li harget kemm fuq il-media kif ukoll fuq il-gazzetti. Konna kellimna wkoll, ghax stabbilixxejna min kien il-business man, li qatt ma kien issemma fl-artikli … u konna kellimna lis-Sur … illum mejjet, lis-Sur Ronnie Demajo. U kien taghna spjegazzjoni li hu qatt ma kien involut fil … f'dan ittender, jekk kien involut kien huh il-mejjet, Joe Demajo u kien spjegalna li hu kellu x'jaqsam ma' kumpanija partikolari u mhux ma din il-kumpanija li kienet tforni is-software tal-IT. Kien spjegali li qatt ma kien attenda … kien spjegalna li qatt ma kien attenda ghand is-Sur Mifsud kif kien qed jigi allegat. Qal li jista' jkun li jiena kont stedinthom gewwa d-dar tieghi, il-Madliena, imma qal … u kien taghna spjegazzjoni li hu kien jaf lil Miss Anna Carmen Zelbst inizjalment. Imbaghad sar jaf lis-Sur Mifsud through Miss Anna Carmen Zelbst. Spjegalna wkoll … hemm … ghax staqsejnieh jekk qattx ha xi pariri jew qattx ha xi konsulti minghand is-Sur Alfred Mifsud u qal li jista' jkun li hadt pero' qatt ma kien hemm hlas ghal dawn il-konsulenzi ghax iktar kien jiehu konsulenza mill-ex accountant Mr Lino Spiteri. Konna kellimna wkoll lil … is-CEO tal-lum ta' Demajo Group, Pier Luigi minghalija … Demajo. U kien taghna spjegazzjoni illi l-kumpanija ma kenitx izzomm ... dokumenti li jmorru oltre l-ghaxar snin. Meta evalwajna dak kollu li konna gbarna, ma kien jirrizulta li ma kien hemm l-ebda … sa dakinhar l-ebda reat kriminali. Ma kien jirrizulta li kien hemm l-ebda flejjes li ghaddew b'dawk l-ammonti illi harget fuq il-media. Konna qeghdin naraw ukoll is-sitwazzjoni jekk kienx hemm rapport falz minn naha ta' Miss Anna Carmen Zebst, pero' peress li kien … li l-ewwel rapport kien sar fit-2006 u sussegwentement kien qed jigi affermat fit-2016 ridna niehdu parir tal-avukat generali fuq dak ir-rigward u jekk kienx preskritt dan kollu. Sa hemmhekk nista' niftakar. M'ghandix il-file quddiemi u ma nistax naghmel kollaborazzjoni fuq li qed nghid fl-ahhar bicca jekk konniex ikkonsultajna lill-avukat generali jew le. Jekk kenitx decizjoni tas-superjur[78] tieghi li ma nibqghux mexjin bl-investigazzjonijiet jew le. Li huwa car huwa … li qatt ma rrizulta, sa issa illi kien hemm xi hasil ta' flus li originaw minn xi attivita illecita. "

37. In kontroeżami mistoqsi jekk irriżultawx lill-Pulizija ammonti inferjuri jew superjuri għas-somma msemmija ta' Lm 10,000 ix-xhud wieġeb hekk:

"Le li rrizulta li kien hemm pagament … flejjes li dehlin … jekk niftakar tajjeb ammonti ta' bejn tlett elef u hames mija … hamest elef … sitt elef … u mbaghad kien hemm outright payment ta' ghaxart elef. Imma meta wiehed ihares lejhom u jara t-trail jinduna fejn marru dawk l-ghaxart elef. L-ghaxart elef kienu marru ghal hlas ta' xi loan. Igifieri dawk l-ammonti ma kinux … l-aktar jekk niftakar tajjeb l-ammonti li kienu dahlu fil-kont ta' Anna Carmen Zelbst ma jeccedux aktar

[78] Fol. 98

> minn ghoxrin elf u mbaghad kien hemm spjegazzjoni fejn marru dawn il-flus... Imbaghad kien hemm diskrepanza jekk niftakar ta' sitt elef u kienet taghtna spjegazzjoni li dawk il-flus jista' jkun intuzaw biex hallset il-haddiema li kienu qed jaghmlu xi reconstruction jew xi xoghlijiet gewwa Birbal … gewwa l-villa ta' Birbal Street, Hal Balzan. [79]

38. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2019 xehdet l-Ispettur **Yvonne Farrugia** stazzjonata fl-Economic Crimes Unit[80]. Spjegat illi r-rapporti li għamlet Zelbst dejjem kienu fil-forma ta' stqarrijiet stante illi n-natura tal-informazzjoni kienet tali li setghet tinkrimina ruħha. Għalhekk sa' mill-bidu nett ġiet interrogata bħala suspettata u ngħatawla d-drittijiet kollha li jingħataw lill-persuni suspettati. L-ewwel stqarrija kienet saret lis-Supretendent Michael Cassar u l-Ispettur Paul Vassallo fl-2006 [81] (iktar tard ippreċiżat li dan kien fl-14 ta' Dicembru 2006[82]). Hija allegat korruzzjoni u ħasil ta' flus min-naħa ta' Alfred Mifsud. Skond Zelbst, Ronnie Demajo kien qed imur diversi drabi fir-residenza tagħhom. Huwa mar żgur tlett darbiet b'envelopes kbar bil-cash li kienu jikkontjenu xi 50,000 Maltin il-wieħed. Hija allegat li kienet tidħol fl-uffiċju tar-rikorrent (ġewwa d-dar stess) u kienet tarah jgħodd il-flus u jpoġġihom ġewwa *safe*. Kienet tghid ukoll li dak il-ħin kienet tkun fil-kċina u ma kenitx taf x'kien jagħmel bihom dawn il-flus. Allegat ukoll li kien iġibilha ammonti ta' flus u jitlobha ddaħħalhom fil-kontijiet tal-Bank taghha u ftit jiem wara jitlobha toħroġ cheque għal dawn l-ammonti indirizzat lir-rikorrent.

Meta reġgħu bagħtu għaliha din id-darba fl-2016 hi u l-Ispettur Raymond Aquilina qrawlha d-drittijiet tagħha u hi min-naħa tagħha rrepetiet l-istess allegazzjonijiet li kienet għamlet fl-2006. Allegat ukoll li wara li Alfred Mifsud ma baqax *chairman* huwa kien baqalu jirċievi xi Lm 70,000 mingħand Ronnie Demajo u li Mifsud kien irrabbjat meta dan ma' tahomlux. Imbagħad eventwalment meta akkwistaw l-informazzjoni rikjesta mill-banek il-Pulizija għamlula numru ta' domandi minħabba d-diskrepanzi bejn l-allegazzjonijiet tagħha u dak li kienu effettivament sabu.

Il-Pulizija għamlu l-investigazzjoni tagħhom u ġabru l-informazzjoni mill-istituzzjonijiet finanzjarji kemm fir-rigward ta' Anna Zelbst u kif ukoll fir-rigward ta' Alfred Mifsud. Kienu kellmu ukoll lil Ronnie Demajo taħt *caution* li min-naħa tiegħu nnega kollox [83] Huma kellmuh id-dar tiegħu u kien jidher konxju ta' dak li kien qed jgħid. Kien qalilhom li kien jaf l-ewwel lil Zelbst u imbagħad sar jaf lil Mifsud bis-saħħa

[79] Fol. 101
[80] Fol. 121-133
[81] Fol. 122
[82] Fol. 124
[83] Fol. 126

tagħha. Fir-rigward tal-allegazzjonijiet Demajo stqarr mal-Pulizija li żgur ma kienx involut għaliex fi ħdan id-Demajo Group hu kellu taht ir-responsabbilta' tiegħu l-Multipackaging ta' Bulebel mentri t-taqsima tal-IT kien jieħu ħsiebha ħuh Joe Demajo.[84] Ġie mitkellem ukoll it-tifel ta' Joe Demajo, peress li dan tal-aħħar kien laħaq miet. Pero meta' ġie mitlub jforni xi informazzjoni jew dokumentazzjoni hu kien qal lill-Pulizija li peress li laħqu għaddew aktar minn għaxar snin ma kienux żammew id-dokumenti in kwistjoni. Ikkonferma ukoll li kien missieru, Joe Demajo, il-persuna illi kien inkarigat fejn jidħol l-IT u mhux is-Sur Ronnie Demajo. [85]

39. Rigward il-kontijiet bankarji li investigaw ix-xhud xehdet li fir-rigward tal-BOV kien hemm *cash deposits* li b'kollox kienu jammontaw għal Lm 22,663 u ħruġ ta' Lm 16,500. Zelbst kienet qaltilhom li dawn il-ħruġ kienu saru fil-forma ta' tlett ċekkijiet li kient għaddiet lil Mifsud, ċekk ammontanti għal Lm 3,000, ieħor għal Lm 3,500 u ieħor ta' Lm 10,000. Fil-kont tal-HSBC kien jirriżulta ukoll dħul ta' ċekk tal-valur ta' Lm 13,036. Lill-Pulizija kienet għorkitilhom għajnejhom il-fatt lli kien hemm tlett pagamenti ta' Lm 10,000-il wieħed li Zelbst kienet daħħlet fil-*loan account* tagħha li kellha fuq isimha. Meta daħlu fid-dettal ta' dawn it-tlett pagamenti sabu li l-ewwel ħlas ta' Lm 10,000 kien ammont li ħareġ mill-kont bankarju tal-BOV tagħha u li kienet oriġinalment qalet li kien ċekk li kellha tgħaddi lir-rikorrent (i.e. bi skambju tal-Lm 10,000 li allegatament kien għaddielha fi flus kontanti). It-tieni pagament ta' Lm 10,000 kien ġie minn *withdrawal* mill-kont tal-Mid Med Bank tagħha stess u dan wara li fl-istess kont tal-Mid Med kienet irċeviet somma flus bħala ħlas *in parte* ta' proprjeta' li kienet biegħet. It-tielet pagament ta' Lm 10,000 ma' kienx hemm spjegazzjoni għalih. Pero Zelbst kienet infurmat lill-Pulizija li hija kienet tħalli ħafna f'idejn ir-rikorrent fl-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-bank. Finalment Zelbst insistiet li l-ebda waħda mit-transazzjonijiet hekk imsejjħa suspettużi fil-kontijiet tagħha ma' kienu jirriflettu l-ammonti li għaddielha ir-rikorrent minn dawk li kien allegatament rċievha *cash* mingħand Ronnie Demajo. Ix-xhud kienet kategorika meta imbagħad stqarriet illi:

> "l-allegazzjonijiet li bdiet taghmel is-Sinjura Zelbst ma rrizultawx kemm fl-analizi li ghamlet il-pulizija fil-kontijiet tal-bank taghha u kemm fl-analizi tal-kontijiet tas-Sur Mifsud li wkoll kien gie jidhirli investigat ... li konna bghatna ghalih aktar minn darba zgur ... darbtejn ... ma nafx hux tlieta ... fejn dhalna fid-dettall fit-transazzjonijiet. Konna gibna wkoll, id-dokumenti kollha tal-Mid Med ghar-rigward fit-tender emm ... min kien parti mill-Bord, kif ittiehdet iddecizjoni etc etc igifieri dan kien hemm Bord, ma kienx is-sur Mifsud li jiddeciedi emm ... li ... li the last ... l-ahhar decizjoni ma kenitx tas-Sur Mifsud imma kien hemm Bord fejn kienu inhatru zewg esperti ... jew

[84] Fol. 126
[85] Fol. 128

kien hemm zewg grupp li kienu ... li kienu preparaw zewg rapporti fuq din is-sistema u ovvjament il-Bord kien ghazel liema l-ahjar sistema ghal Bank illi ... illi tigi applikata[86]."

40. Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 xehdet **Anna Zelbst**[87]. Qalet illi hija għamlet 24 sena tgħix mar-rikorrent u għandha żewġt itfal minnu. Minn dawn l-24 sena għamlu tlett snin separati. Iddiskriviet ir-relazzjoni tagħha miegħu bħala waħda mqanqla u mimlija problemi. Qalet illi Mifsud approfitta ruħu għaliex Ronnie Demajo kien ħabib tagħha. Skond hi, r-rikorrent kien ħa lil Ronnie Demajo d-dar huwa stess. Demajo kien jidħol bil-pakketti kannella mimlija flus u Alfred Mifsud kien spjegalha għalxiex kien qed jirċievi dawn il-flus.[88] Kif jitlaq Demajo mid-dar tagħhom ir-rikorrent kien jibda jgħodd il- flus u x-xhud stqarret li baqgħet tiftakar il-mod kif kien jgħoddhom u li qatt ma' kienet ratu jgħodd il-flus qabel. Meta staqsietu fuq il-mod kif kien qed jgħoddhom ir-rikorrent qallha li dak kien il-mod kif il-bankiera kienu mdorrija jgħoddu l-flus. Huwa kien spjegalha li l-bank ser jixtri sistema tal-*computers* mingħand Ronnie Demajo pero' hi ma' kienetx taf li Demajo qiegħed f'din l-industrija.

41. Zelbst ma' tafx x'għamel bihom il-flus li rċievha mingħand Demajo iżda taf li kien xtara ħafna propjeta' dak iz- zmien. Hija rrepetiet kif l-għada li kien jitħallas minn Demajo, Mifsud kien jtiha Lm 10,000 u jgħidilha tmur tiddepożitahom il-bank. Wara jumejn kien jgħidilha tagħmillu ċekk għal dak l-ammont. 'Il quddiem x-xhud qalet li saret taf li b'dak l-aġir r-rikorrent kien qiegħed jużaha biex jaħsel il-flus. Spjegat ukoll illi r-rikorrent uża lilha sabiex jieħu self mill-APS Bank. Kien xtara żewġ maisonettes u s-self kien ittieħed minn Zelbst meta hija anqas biss kienet taħdem u lanqas kellha flus il-bank. Ix-xhud qalet illi Mifsud imbagħad kien iġegħla tmur l-APS biċ-ċekk li tkun ħarġitlu u tmur taqtgħu kontra l-*loan.*

42. Hija kkritikat lill-Pulizija illi minkejja li raw li kienu deħlin flus fil-kontijiet tagħha ma' ħadux in konsiderazzjoni l-fatt illi hija la kienet taħdem u lanqas kellha l-flus tagħha. Kien għalhekk illi hija ma' fdatx lill-Pulizija u żvelat kollox lill-intimata.

43. Rigward l-envelopes mimlija bil-flus li Demajo allegatement kien jgħaddi lir-rikorrent hija spjegat illi dawn kienu jkunu kbar daqs bibbja u kull envelope kien ikun fih Lm 50,000[89].

---

[86] Fol. 131
[87] Fol. 144-148
[88] Fol. 144
[89] Fol. 146

44. In kontroeżami sostiet illi hija tat id-dokumentazzjoni tal-bank lill-Pulizija fis-sena 2006 [90].

45. Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 reġgħet xehdet Anna Zelbst[91] u qalet illi qatt ma kellha statements tal-bank għaliex Alfred Mifsud qatt ma' kien ħallieha tmiss jew tiftah kontijiet. Il-bank marret darba biss u ffirmat minghajr biss ma kienet taf x' kienet qed tiffirma. Qalet li kienet tinżamm fl-għama fuq l-affarijiet finanzjarji. Meta fl-2006 spiċċat bil-problemi mar-rikorrent u l-bank APS kien qalilha li jekk ma' tħallasx il-*loan* kienu ser jeħdulha l-*maisonette* hija kienet kellmet lir-rikorrent u dan kien qallha li ma' setgħetx tippretendi li jibqa' jħallas.[92]

46. Qalet ukoll illi fis-sena 1997 meta kienet tqila bit-tifla ż-żgħira hija riedet twaqqaf ir-relazzjoni imma r-rikorrent ma riedx u qalilha biex jixtru proprjeta'. Il-budget tiegħu kien ta' Lm 45,000 u hi bdiet tara propjetajiet f' dak il-budget. L-aġent kien uriehom dar li tiswa Lm 175,000 u Alfred Mifsud ried jixtriha minkejja li ma kienitx fil-budget tiegħu. Wara ftit li xtara din id-dar xtara iż-żewġ maisonettes fuq imsemmija, faċċata tad-dar, u l-loan mal-APS kien sar fuq isimha. Kien dak il-perijodu li Ronnie Demajo kien jigi d-dar bil-flus [93]

47. In kontroeżami ċaħdet li ghaddiet xi dokumenti lill-Pulizija fis-sena 2006 [94]

48. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020 hija insistiet li ma' kelliex statements bankarji fil-pussess tagħha għaliex kien jikkontrolla kollox r-rikorrent. Qalet ukoll li kienu insterqula xi files u li kienet fetħet kawża u fihom kien hemm xi karti li ħadhom hu ukoll. [95]

    Ix-xhud esebit *email* (li imbagħad ġiet esebita f'format aċċettabli fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021 bħala Dok AZ2) li kienet għaddiet bejnha u r-rikorrent fl-4 ta' Mejju 2009 [96]. Fiha fost oħrajn hija kienet qaltlu "Even if as you fantasise you gave me all of the above, what is all of the above compared to the thousands you counted in front of my eyes and never gave me a cent of it?" Ix-xhud enfasizzat fix-xhieda tagħha illi fir-risposta tiegħu f'kitba ħamra r-rikorrent ma' ċaħadx illi huwa kien għodd l-eluf quddiem għajnejha. Filfatt

[90] Fol. 147
[91] Fol. 152-155
[92] Fol. 152
[93] Fol. 153
[94] Fol. 154
[95] Fol. 162-170
[96] Fol. 203-205

ir-rikorrent wieġeb fl-*email* msemmija bil-kliem: "Vener (sic!) gave you a cent eh? So who paid for the house loan you had from the bank when bought 41/43 in joint names?"

In kontroeżami kkonfermat li ftit qabel l-*email* in kwistjoni Alfred Mifsud kien taha donation. Tgħid li kienu marru ghand in-nutara Miriam Spiteri Debono u marru ghand il-Profs Ian Refalo u kien kellmu ukoll lil Dr Patrick Spiteri u nofs id-dar ta' Hal Balzan kienet ġiet donata lilha. Kien sar kuntratt f'dan is-sens.[97] Il-kuntratt kien sar qabel ma inkitbet l-email. Spejgat li r-raġuni ghalfejn taha l-flus kien li hija kienet tagħtu l-flus li ħadet mill-bejgh tal-maisonette tagħha għall-business tieghu. Ikkonfermat ukoll illi ġieli sselfet fuq l-idejn minħabba li r-rikorrent kien iħalliha nieqsa. [98] Għal mistoqsija dwar jekk qattx lagħbet il-flus, hija wieġbet li kien ikun ir-rikorrent illi jtella' l-*bingo online* u kien iħallasha bil-*card* tiegħu. Ċaħdet illi qatt issellfet xi flus mingħand ċertu Leslie Cassar li kkonfermat pero li kien ħabib tagħha. Pero imbagħad tat x'jifhem li jista' jkun li sselfet xi flus mingħandu peress li kienet u għadha f'sitwazzjoni finanzjarja ħażina minħabba r-rikorrent.

49. Fit-2 u 16 ta' Novembru 2020 xehdet għan-nom ta' APS Bank Ltd, **Charmaine Psaila Ragi**. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020 spjegat li ghal perijodu ta' bejn 1996 sat-2000 ma jirrizultax li kien hemm kontijiet mal-APS f' isem Anna Zelbst.[99] Il-kontijiet li nstabu fuq isem Anna Zelbst kienu wara s-sena 2000. Bil-permess tal-Qorti r-rikorrent **Alfred Mifsud** intervjena biex jispega illi f'Marzu 2002 hu u Zelbst kienu ħadu self ta' Lm 56,000 kull wieħed biex jixtru *maisonette* u dan kien erba' snin wara l-akkuża illi huwa ddepożita xi flus bil-korruzzjoni.

50. Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020[100] l-istess xhud ppreżentat statements ta' Anna Zelbst mis-sena 2000 'il quddiem. Irriżultalha filfatt li kien hemm tlett kontijiet f'isimha waħedha, wieħed *current* u żewġ *loan accounts.*[101] Dawn l-accounts sussegwentement ingħalqu. Fir-rigward ta' Alfred Mifsud irriżultalha li kellu tlett kontijiet, wieħed *current* u żewġ *home loans.*[102] Dawn il-kontijiet ukoll ingħalqu. Il-kontijiet kollha infetħu wara s-sena 2002.

51. Fil-21 ta' Ġunju 2021 xehed bil-mezz ta' affidavit l-Avukat **Dr. Peter Caruana Galizia**, ir-raġel tal-intimata u li sussegwentement kompla l-kawża f'isimha (flimkien mat-tfal

[97] Fol. 165
[98] Fol. 167
[99] Fol. 159-161
[100] Fol. 194-198
[101] Dok CP1-CP3 a fol. 174 sa 181
[102] Dok CP4-CP6 a fol. 182 sa 190

tiegħu) wara l-assassinju tagħha *pendente lite*[103]. Huwa stqarr illi meta martu rċeviet il-kawża hija kienet sorpriża peress illi ħassiet illi kellha informazzjoni soda u kredibbli. Daphne Caruana Galizia kienet qaltu li kienet iltaqghet ripetutament ma' Anna Zelbst. Ikkonferma illi martu kienet relatata biż-żwieġ mal-familja Demajo u li kienet taf li Ronnie Demajo kien direttur u shareholder ewlieni mad-Demajo Group of Companies. Kienet taf ukoll illi dina l-kumpanija kienet tirrapprezenta hawn Malta lil kumpanija Amerikana EastPoint li kienet timmanifattura software għall-industrija tas-servizzi finanzjarji. Huwa sostna illi hija skopriet illi r-rikorrent kien għamel ħafna pressjoni fuq l-*evaluation committee* biex tintgħażel is-sistema tal-EastPoint. Dan saret tafu minn sors li kien fuq il-kumitat innifsu li pero' qatt ma' kienet żvelat min hu jew min hi. Qal għalhekk li hu u wliedu kienu qegħdin f'pożizzjoni żvantaġġjata ħafna li ma jistgħux iġibu din il-prova, filwaqt li kieku kienet għadha ħajja hija setgħet tipproduċi lil dan ix-xhud.

52. Qal ukoll illi wara l-qtil ta' martu, Zelbst kienet għamlet kuntatt mal-avukat tiegħu biex tinfurmah li kif kienet wegħdet lil Daphne Caruana Galizia hija kienet sejra tixhed f'din il-kawża ta' libell [104].

**Kunsiderazzjonijiet**

53. Id-difiża tal-intimat proprio et nomine hija dik illi l-pubblikazzjoni tikkontjeni kummenti li jammontaw għal *fair comment* ibbażati fuq fatti sostanzjalment korretti u għalhekk mhux libellużi.

54. Fil-liġi Maltija (kemm Kap. 248 li hija l-liġi applikabbli għal din il-kawża u kemm il-Kap. 579 li pero' introduċa d-difiża tal-opinjoni onesta) m'hemm l-ebda disposizzjoni li tirregola din id-difiża. Madanakollu nonostante dan in-nuqqas leġislattiv il-Qrati tagħna kemm id-darba kienu disposti japplikawha in linea ma' dak provdut fil-liġi komuni Ingliża (u iktar tard il-liġi kodifikata Ingliża).

55. Fir-rigward ta' din id-difiża, Lord Tom Denning fis-sentenza **London Artists Ltd. v. Emile Littler** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) qal hekk:

> *"The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the*

[103] Fol. 208-209
[104] Fol. 209

*comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be"*

56. J.C.C. Gatley, awtorita' fil-liġi Ingliża fejn tidħol il-liġi tal-malafama (libelli u kalunji), fost oħrajn jgħid is-segwenti dwar din id-difiża:

- "To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is ona matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea" [105]

- "... fair comment is not a defence to defamatory statements of fact, and if the matter complained of contains such statements, the defendant must plead justification."[106]

- "What is the meaning of fairness? First, the comment must be based on facts, stated or indicated in the matter complained of. If the facts are not so stated or referred to, then a statement of opinion will stand in the same position as an allegation of fact. There is also a subjective element in this: what did the defendant have in mind? Secondly, the comment must be supported by the facts, or there must be a basis of fact sufficient to warrant the comment made, that is, the comment, even if the jury do not agree with it, must in some sense be consonant with the facts relied on. This is an objective test. Thirdly, the facts stated in the libel must be truly stated, or if some are not proved to be true, then the defendant must show that the expression of opinion is fair comment having regard to such of the facts alleged or referred to in the words complained of as are

---

[105] *Gatley on Libel and Slander* (8th edition), (1981), The Common Law Library, para. 692, p. 291
[106] *ibid.* para. 693, p. 291

proved... Fourthly, the comment must be such as can be fairly called criticism, and not be mere invective. Finally that the comment was made maliciously or was not the expression of the author's real opinion will also make the comment unfair."[107]

- "A comment is a statement of opinion on facts. It is comment to say that a certain act which a man has done is disgraceful or dishonourable; it is an allegation of fact to say that he did the act so criticised. A libellous statement of fact is not a comment or criticism on any thing. But while a comment is usually a statement of opinion as to the merits or demerits of conduct, an inference of fact may also be a comment. There are, in the cases, no clear definitions of what is comment. If a statement appears to be one of opinion or conclusion, it is capable of being comment." [108]

- "The defence of fair comment does not extend to cover misstatements of fact however bona fide. There is no doubt that the public acts of a public man may be lawfully made the subject of fair comment or criticism, not only by the Press, but by all members of the public. But the distinction cannot be too clearly borne in mind between comment or criticism and allegations of fact, such as that disgraceful acts have been committed . . . " It is one thing to comment upon or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct. A defamatory statement of fact must be justified, if it is not the subject of privilege; the defence of fair comment relates only to comment, and the Defamation Act 1952, s. 6, has not altered this. Thus, if the words complained of contain defamatory allegations of fact, the defendant must prove such allegations of fact to be true; it is not sufficient to plead that he bona fide believed them to be true. Bona fide belief in the truth of what is written may mitigate the amount, but it cannot disentitle the plaintiff to damages" [109]

57. Il-Gatley jiġbor f'sinteżi qasira ir-rekwiżiti għad-difiża tal-*fair comment*:

" For comment to be fair, it must meet the following conditions:

(a) It must be based on facts contained in or referred to in the publication complained of.
(b) The facts must be sufficiently true to make the comment fair.
(c) If the comment contains an imputation of corrupt or dishonest motives, or perhaps any inference of fact, the comment must be shown to be justifiable.
(d) The comment be such as fairly to be described as criticism

[107] *ibid.* para. 696, p. 293-294
[108] *ibid.* para. 697, p. 294
[109] *ibid.* para. 698, p. 294-295

> (e) The comment must represent the honest opinion of the commentator, and be published without malice."[110]

58. Finalment rigward il-ħtieġa li l-fatti li fuqhom ikunu ibbażati l-kummenti għandhom ikunu sostanzjalment veri, il-Gatley jgħid hekk:

> "A writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail."[111]

59. Il-*blog post* mertu tal-kawża jikkontjeni żewġ allegazzjonijiet prinċipali li jorbtu ma' xulxin u ċioe:

- L-allegazzjoni li r-rikorrent irċieva somom konsiderevoli ta' flus kontanti (Lm 150,000 f'envelopes kbar) mingħand negozjant (identifikat sussegwentement mill-intimata bħala Ronnie Demajo) li jirrappreżenta l-kumpanija EastPoint ġewwa Malta, ġewwa d-dar tiegħu fi tlett okkazzjonijiet differenti.

- L-allegazzjoni illi fiż-żmien li saru l-ħlasijiet, il-Mid Med Bank li tiegħu r-rikorrent kien ic-*Chairman*, biddel is-sistema tas-software li kienet għadha ġdida għal waħda tal-IBM supplita mill-kumpanija EastPoint fuq insistenza tar-rikorrent, liema sistema imbagħad tneħħiet kważi immedjatament meta l-HSBC Bank Malta plc xtara l-bank fl-1999.

60. Is-*single meaning* ta' din il-pubblikazzjoni u l-*ordinary meaning* tal-kliem ippubblikati mill-intimata kien dak illi r-rikorrent ingħata flus bħala tixħim sabiex idaħħal sistema ġdida ta' *software* f'bank ewlieni f'pajjiżna liema sistema anqas biss kienet meħtieġa.

61. Fi *blog post* sussegwenti l-intimata saħansitra allegat illi parti mill-flus mgħoddija lir-rikorrent kienu qegħdin jiġu maħsula billi kienu qegħdin jiġu ddepożitati f' kontijiet bankarji ta' terz (sussegwentement identifikata fil-kawża mill-intimata bħala l-ex-partner tiegħu Anna Zelbst) li mbagħad fuq struzzjonijiet tar-rikorrent kienet toħroġlu ċekk għal dak l-ammont. Madanakollu din il-pubblikazzjoni m'hijiex parti mill-kawża odjerna u filfatt ġiet ippubblikata l-għada li nfetħet il-kawża.

---

[110] *ibid.* para. 709, p. 300
[111] *ibid.* para. 715, p. 304

Għalhekk il-Qorti ma' tistax tqisha in konsiderazzjoni għaliex kif inhuwa magħruf fid-difiża tal-*fair comment* il-kumment irid ikun fuq fatti diġa magħrufa u b'kuntrast mad-difiża tal-verita' tal-fatti, il-kumment ġust ma' jistax jiġi ppruvat b'fatti li seħħew jew li ġew irrappurtati wara l-pubblikazzjoni in kwistjoni.

62. Li r-relazzjonijiet bejn ir-rikorrent u s-sors tal-intimata kienu ddeġeneraw irriperabilment fiż-żmien li ħareġ l-artikolu huwa ammess kemm mir-rikorrent kif ukoll mix-xhud Anna Zelbst innifsha. Il-messaġġ li bagħtet lir-rikorrent fis-6 ta' Ġunju 2016 joħroġ l-animu ta' din ix-xhud: "*This is war like you never experienced. Daphne will come in very handy now.*" Filwaqt li l-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita li l-motivazzjoni tal-ġurnalista intimata kien wieħed ta' interess pubbliku, l-istess ma jistax jingħad għall-motivazzjonijiet tas-sors li kienu ta' natura purament personali fi sfond tad-diġenerazzjoni tar-relazzjonijiet bejnha u bejn ir-rikorrent. Naturalment l-evalwazzjoni tal-mertu ta' din il-kawża trid issir irrispettivament mill-motivazzjoni li seta' kellha s-sors tal-istorja.

63. Ir-riżultat tal-investigazzjonijiet magħmulha mill-Pulizija Eżekuttiva jikkontrastaw sew ma' dak li xehdet Anna Zelbst meta qalet illi r-rikorrent kien iġegħla toħroġ numru ta' ċekkijiet sabiex jaħsel parti mill-flus li kien jirċievi minn Ronnie Demajo. Dawn it-transazzjonijiet ma rriżultax mill-provi u ma' rriżultawx lill-Pulizija. Inoltre, kif ħareġ ukoll mix-xhieda tar-rappreżentant tal-bank APS, Charmaine Psaila Ragi, il-*loan accounts* fuq isem ir-rikorrent u Anna Zelbst infetħu wara s-sena 2002 [112] u allura mill-anqas erba' snin wara l-allegat tixħim. Dan jirriżulta ukoll mill-istatements ippreżentati mill-istess xhud.[113]

64. In sostenn tal-allegazzjoni tagħha li r-rikorrent irċieva l-flus kontanti minn Ronnie Demajo, Anna Zelbst esebiet email li kien bagħat Alfred Mifsud b' risposta għal email tagħha. Din l-email hija datata <u>4 ta' Mejju 2009</u> (fol. 203 sa 205 tal-proċess - Dok AZ 2). Il-parti li skond ix-xhud Zelbst hija rilevanti u tikkorrobora dak li allegat hija dik fejn ir-rikorrent wieġeb għall-asserzjoni tagħha illi: *"Even as if you fanatsise you gave me all of the above, what is all of the above compared* ***<u>to the thousands you counted in front of my eyes</u>*** *and never gave me a cent of it?".* Peress illi hu ma' nnegax illi għodd

---

[112] Fol. 163
[113] Fol. 174 – 176 APS Bank statement għall-kont numru 13417553001-9 current account f' isem Anna C. Zelbst, Fol. 177 – 179 APS Bank statement għall-kont numru 1341753201-1 loan account f' isem Anna C. Zelbst;, APS Bank statement għall-kont numru 2000001320-6 house loan account f' isem Anna C. Zelbst; Fol. 182-190 APS Bank statement għall-kont numru 134174201-4 loan account f' isem Anna C. Zelbst

l-eluf quddiemha iżda għamel riferenza għall-fatt illi ħallsilha l-loan tad-dar, Zelbst tgħid illi din hija prova illi huwa verament kien irċievha l-flus imsemmija. Il-Qorti assolutament ma' taqbilx. F'din l-email imkien ma hemm referenza għall-flus li allegatament għaddew mingħand Demajo lil Alfred Mifsud fis-snin 1998/1999 u r-risposta tar-rikorrent (bl-aħmar u b' ittri kapitali) ssegwi risposti oħra li kien hemm f'paragrafi precedenti li jikkonċernaw aspetti u pretenzjonijiet finanzjarji ta' bejniethom.

65. Il-Qorti tikkunsidra li verament irriżulta li l-loan f' isem Anna Zelbst mal-APS Bank tħallas mir-rikorrent iżda dan il-fatt, flimkien mat-transazzjonijiet li jidhru li saru f'dan il-kont, ma' jistgħu qatt ikunu prova ta' xi allegat tixħim u/jew ħasil ta' flus li suppost saru diversi snin qabel.

66. Il-Qorti tistqarr ukoll illi ma' tantx jista' jintqal illi x-xhud Zelbst kienet konsistenti u/jew konvinċenti fix-xhieda tagħha għajr għall-asserzjoni illi hija personalment rat lil Mifsud jirċievi l-flus mingħand Ronnie Demajo. F'iżjed minn okkażjoni waħda l-istess xhud ikkontradixxiet lilha nnifisha matul il-kors tal-kawża bħal per eżempju meta filli tinsisti li r-rikorrent kien iħalliha fl-għama, *"on the side"* u li qatt ma' kien jgħidilha x'jagħmel imma imbagħad tirrakkonta kif ir-rikorrent kien spjegalha dak iż-żmien li Demajo kien allegatament jgħaddilu l-flus, illi l-bank kien ser ibiddel is-sistema tas-*software* u li kien ser jixtriha mingħand Ronnie Demajo. F'okkażjoni oħra Zelbst qalet illi fis-sena 2006 kienet għaddiet id-dokumentazzjoni kollha lill-Pulizija Eżekuttiva sabiex tgħinhom fl-investigazzjonijiet tagħhom mentri imbagħad f'seduta oħra sostniet illi qatt ma' kienet għamlet hekk. Pero' l-iżjed problema ta' kredibilita' ta' din ix-xhud tqum meta wieħed jikkunsidra illi l-investigazzjonijiet magħmulha mill-Pulizija Eżekuttiva wasslu għal konklużjoni waħda: li l-allegazzjonijiet tagħha ma' jirriżultawx u li passi kriminali ma ttieħdux kontra r-rikorrent. Mhux talli hekk, talli fi stadju minnhom il-Pulizija kienu saħansitra qed jesploraw il-possibilita' ta' akkużi kontra Zelbst għall-għoti ta' rapport falz.

67. Fl-affidavit tiegħu l-intimat Dr. Peter Caruana Galizia ssottometta illi wieħed ma' jiskantax kif is-Supretendent (dakinhar Spettur) Raymond Aquilina ma' sab l-ebda provi ta' korruzzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u dan għaliex mir-rapporti li ħarġu fil-*media* f'dawn l-aħħar snin ħareġ illi dan l-istess bniedem kien jaħdem biex ifixkel l-*Economic Crimes Unit* u jgħin kriminali oħra. Għalkemm huwa minnu li fis-snin li għaddew qamu dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tax-xhud imsemmi (dejjem fil-konfront ta' persuna/i partikolari), bir-rispett kollu pero' l-Qorti ma' tarax kif dawn jistgħu jġibu fix-xejn ix-xogħol li għamel l-istess xhud fl-investigazzjoni mertu ta' din il-kawża meta tqis ukoll illi x-xhud ma' kienx waħdu li mexxa l-investigazzjoni iżda

kien mgħejjun ukoll mill-Ispettur Yvonne Farrugia li llum il-ġurnata hija l-Prosekutur Ewropew għal Malta fi ħdan il-*European Public Prosecutor Office* (EPPO).

68. Lanqas ma' rriżultat pruvata l-allegazzjoni sekondarja illi s-sistema tas-*software* tal-Mid-Med Bank inbidlet b'mod kapriċċjuż jew illi r-rikorrent għamel xi pressjoni indebita sabiex jintgħażel is-software tal-IBM/EastPoint. Anzi ħareġ b'mod ċar illi s-sistema eżistenti tal-bank fl-1997 kienet waħda ineffiċjenti u li ma' kienetx tilħaq l-esiġenzi tal-bank anke jekk ma' kienetx ilha li ddaħħlet. Ħareġ ukoll illi l-għażla tas-sistema l-ġdida saret wara proċess li fih kienu involuti diversi nies u li d-deċiżjoni finali ttieħdet b'vot kważi unanimu tal-Bord mingħajr l-ebda indħil mir-rikorrent.

69. L-abbli avukat difensur tal-intimat proprio et nomine ssottometta fin-nota t'osservazzjonijiet finali tiegħu illi l-Pulizija ġabru numru ta' dokumenti bankarji Ii minnhom rriżultaw numru ta' transazzjonijiet ta' eluf ta' liri maltin fil-kontijiet ta' Anna Zelbst, persuna Ii ma kellha ebda introjtu. Jgħid ukoll illi: "*huwa wisq improbabbli illi f'kazi ta' tixhim, wiehed isib il-prova inkonfutabbli u konkluziva bi Iii z-zewg partijiet ser jiehdu l-prekawzjonijiet kollha imaginabbli sabiex dan il-fatt ma jkunx jista jigi ppruvat, u f'kaz illi jinbtu xi suspetti, iz-zewg partijiet ser jichdu kategorikament. F'dan il-kaz, fejn wiehed mhux fil-kamp kriminali fejn il-livell ta' prova mill-prosekuzzjoni irid iwassal pass zghir il-boghod mic-certezza, fil-kamp civili, il-livell tal-prova jitbaxxa sal-livell tal-probabbilta'; "If it walks like a duck and quacks like a duck, then ifs a duck"*. Bir-rispett dovut pero' filwaqt li l-Qorti taqbel illi l-intimat proprio et nomine ma' ħtieġlux jipprova l-allegazzjoni ta' korruzzjoni magħmula mill-intimata *beyond a reasonable doubt* iżda biss *on a balance of probabilities*, madanakollu ma' taqbel xejn illi f'dan il-każ il-korruzzjoni min-naħa tar-rikorrent ġiet ipprovata sat-tragward tal-probabbli. Ir-realta' hi li kull waħda mill-allegazzjonijiet magħmulha mill-intimata fl-artikolu in kwistjoni rriżultaw b'mod pożittiv illi kienu foloz u mhuwiex il-każ li dawn ma' rriżultawx għaliex ma' ġewx ippruvati.

70. Il-Qorti tqis għalhekk illi d-difiża tal-*fair comment* ma' tistax treġi ġaladarba l-fatti li fuqhom saru l-kummenti rriżultaw illi kienu skorretti.

71. Inoltre' jirriżulta ċar illi din id-difiża ma' tistax treġi ukoll għaliex il-pubblikazzjoni mertu tal-kawża tikkontjeni allegazzjonijiet fattwali ossia *statements of fact* iżjed milli kummenti magħmulha fuq fatti magħrufha għall-intimata. Dan ifisser fost affarijiet oħra illi li kieku kien il-każ illi jista' japplika l-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimata anqas kienet tkun tista' tgawdi mill-protezzjoni iżjed ġeneruża offruta mill-liġi l-ġdida taħt id-difiża tal-"*opinjoni onesta*" proprju għaliex fil-*blog* in kwistjoni hija ma' għamlitx dikjarazzjonijiet ta' opinjoni iżda dikjarazzjonijiet ta' fatti.

**Kunsiderazzjoni dwar danni**

72. Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza fir-rigward tad-danni taħt il-Kap. 248, din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwidahom stante illi dawn huma ta' natura morali u ma' jirrappreżentawx telf attwali. Fil-verità però għad li dawn it-tip ta' danni mhumiex faċilment aċċertabbli, huma xorta waħda danni kumpensatorji (*"compensatory damages")* intiżi sabiex iqegħdu lill-persuna offiża lura fl-istat li kien qabel ma' sofra d-danni (*restitutio ad integrum*). Ċertament m'humiex danni punittivi jew eżemplari intiżi sabiex iservu ta' tagħlima għad-difamatur jew bħala deterrent għas-soċjetà in ġenerali. Kieku kien hekk il-każ, ma' jkunx jagħmel sens illi l-eredi tad-difamatur jiġu "puniti" u mġegħla jħallsu għal aġir li huma ma' kellhom x'jaqsmu xejn miegħu.

73. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **Phyllis Muscat v. Daphne Caruana Galizia** (Rik Nru 119/2017 VGA, 08/02/2021):

> "Fil-liġi proċedurali ċivili tagħna, l-eredi ta' parti fil-kawża, inkluż tal-intimat, jista' jitlob b'rikors li l-atti tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu, sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti mejta f'dik li tissejjaħ "it-trasfużjoni tal-ġudizzju". Fin-nuqqas, il-parti l-oħra fil-kawża tista' titlob li jsir dan u eventwalment jekk l-ebda werriet ma' jidħol biex ikompli l-kawża, il-Qorti taħtar kuraturi biex jirrappreżentaw l-interessi tal-parti li tkun ġiet nieqsa.[114] F'din il-kawża t-trasfużjoni tal-ġudizzju seħħ b'digriet li tat il-Qorti fil-11 ta' Jannar 2018 wara li kienet saret talba għal dan il-għan mill-eredi tal-intimata, u ċioe mill-Avukat Dr. Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia.
>
> Il-liġi ma' toħloq l-ebda eċċezzjoni għal meta kawża li taqa' taħt il-kompetenza tal-Qrati Ċivili ma' tkunx tista' titkompla kontra l-eredi tal-persuna li tkun ġiet nieqsa. Mhux l-istess jingħad f'numru ta' ġurisdizzjonijiet barra minn xtutna. Per eżempju fil-liġi Ingliża, skond l-Artikolu 1(1) tal-*Law Reform (Miscellaneous Provisions) Act 1934* id-dritt ta' azzjoni li jkun eżistenti kontra jew favur persuna li tmut, eżattament qabel il-mewt tagħha, jibqa' sħiħ anke wara l-mewt ta' dik il-persuna u dan **b'eċċezzjoni għall-kawżi ta' malafama:**
>
> *'1(1) Subject to the provisions of this section, on the death of any person after the commencement of this Act all causes of action subsisting against or vested in him shall survive against, or, as the case may be, for the benefit of, his estate. Provided that this subsection shall not apply to causes of action for defamation'*
>
> Fil-liġi Irlandiża, id-*Defamation Act 2009* jipprovdi għal emendi fis-*Civil Liability Act 1961* b'dan illi ġew introdotti s-segwenti artikoli:

[114] Art. 806 *et. seq.* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta

*'8(1A) On the death of a person ... a cause of action subsisting against him shall survive against his estate.*

*(2A) Where by virtue of subsection (1A) of this section, a cause of action for defamation survives against the estate of a deceased person, the damages recoverable against the estate of that person shall not include general damages, punitive damages or aggravated damages.'*

Dan ifisser li fil-liġi Irlandiża filwaqt li azzjoni ta' libell tista' titkompla kontra l-eredi tal-mejjet, madanakollu ma' jistgħux jingħataw danni li ma' jkunux ta' natura monetarja (i.e. telf li jkun kwantifikabbli).

Fl-Awstralja, il-liġijiet tal-malafama tal-istati u territorji differenti fil-pajjiż huma uniformi u l-Artikolu 10 jgħid hekk:

*'10 A person (including a personal representative of a deceased person) can not assert, continue or enforce a cause of action for defamation in relation to—*

*(a) the publication of defamatory matter about a deceased person (whether published before or after his or her death); or*

*(b) the publication of defamatory matter by a person who has died since publishing the matter'*

Kif ingħad però il-liġi Maltija inkluż il-liġi l-ġdida li tirregola l-midja u l-malafama (Kap. 579) ma' toħloq l-ebda eċċezzjoni f'dan ir-rigward. Filfatt il-Kap. 579 jipprovdi biss dwar il-possibilità illi tittieħed azzjoni għal malafama ta' persuna mejta mill-eredi iżda mhux dwar it-tkomplija ta' proċeduri mill-eredi jew kontra l-eredi"

74. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **'Andrew Borg Cardona et v. Aaron Farrugia'** (Rik Nru 267/2014/1 AE, 18.12.2018):

*"jkun iktar floku jekk f'kawża ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza tagħti r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut iħallas. Hemm diversi raġunijiet, bħal per eżempju:*

- *In-natura u s-serjetà tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
- *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
- *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
- *Li l-awtur ikun għamel apoloġija jew offra li jagħmel apoloġija;*
- *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
- *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verità tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun ġew imxandra jkunu rriżultaw li huma veri;"*

75. M'hemm l-ebda dubbju li l-allegazzjonijiet ta' fatt li saru fil-pubblikazzjoni mertu ta' din il-kawża kienu ta' natura serja ħafna u li wasslu sabiex ir-rikorrent jitlef l-

opportunita' li jsir Gvernatur tal-Bank Ċentrali, posizzjoni li kien ilu jaspira għaliha u li tilifha darba għal dejjem wara li ħarġet l-istorja.

76. Il-mezz tal-pubblikazzjoni użat, ċioe *blog* li kien popolari ħafna u moqri mhux biss ġewwa pajjiżna iżda anke barra minn xtutna, ifisser illi l-pubblikazzjoni inxterdet mad-dinja kollha u filfatt għad tista' tinqara sal-ġurnata tal-lum.

77. F'dawn iċ-ċirkustanzi huwa faċli li wieħed jgħid illi l-intimata kienet żbrigattiva meta aċċettat bħala fatt l-asserzjonijiet tas-sors Anna Zelbst mingħajr ma daħlet aktar fil-fond tal-istorja speċjalment meta kien hemm iċ-ċaħda kategorika u immedjata tar-rikorrent. Madanakollu l-Qorti ma' tistax tinjora l-fatt illi l-ħatra tar-rikorrent bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali kienet waħda imminenti u li l-intimata kienet magħfusa biż-żmien sabiex fi kliemha tevitha illi pajjiżna jagħmel għażla ħażina f'kariga daqstant importanti. L-interess pubbliku qawwi tal-istorja ma' jista' qatt għalhekk jiġi ddubitat.

78. Il-Qorti m'għandiex dubbju illi l-intenzjonijiet tal-intimata ma' kienux ħżiena u li hija verament emmnet l-allegazzjonijiet li kienu sarulha. B'daqshekk pero l-Qorti fl-istess ħin ma' tistax tinjora illi dawn l-allegazzjonijiet kienu kollha kemm huma foloz u li tabilħaqq għamlu ħsara mhux żgħira lir-rikorrent.

79. Meħuda dawn l-elementi kollha in konsiderazzjoni, il-Qorti tikkunsidra illi fiċ-ċirkustanzi, apparti minn aċċertament ġudizzjarju illi r-rikorrent ma' kienx involut f'tixħim jew atti illeċiti in konnessjoni mal-bidla fis-sistema tas-software tal-Mid-Med Bank fl-1997/1998, hija għandha tillikwida d-danni morali dovuti lill-istess rikorrent fis-somma ta' elef euro (€ 1,000).

**Deċiżjoni**

80. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-intimat proprio et nomine u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent b'dan illi:**

1. **Tiddikjara illi l-*blog post* bit-titolu "BREAKING / Central Bank Governer-designate took large amounts of cash from major supplier when he was Mid-Med Bank chairman" ippubblikat mill-intimata nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2016 fuq is-sit *<u>www.daphnecaruanagalizia.com</u>* u li għalih kienet responsabbli l-intimata kien malafamanti fil-konfront tar-rikorrent ai termini tal-Art. 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **Tikkundanna lill-intimat *proprio et nomine* jħallas lir-rikorrent s-somma ta' elf euro (€ 1,000) bħala danni likwidati minn din il-Qorti taħt l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur